ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | IL-ĦIN: 15-il minuta |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmu l-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom:
   ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***
2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom:
   ***"Issa se naqralkom l-ewwel silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***
3. L-għalliema jaqraw l-ewwel silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***
4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tal-ewwel silta. Wara jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***
5. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu ftit ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Wara jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom it-tieni silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***
6. L-għalliema jaqraw it-tieni silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***
7. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.
8. L-għalliema jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti:
***"Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi".***
L-għalliema inkarigati jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru u l-istudenti jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## L-Ewwel Silta: Il-Port il-Kbir

Il-Port il-Kbir hu ġojjell mill-isbaħ fid-dinja. Hu wieħed mill-isbaħ portijiet fid-dinja kollha. Storikament, il-Port il-Kbir serva għal mijiet ta' snin bħala l-bieb prinċipali li minnu daħlu f'Malta eluf ta' nies ta' kull ġens. Xi wħud minn dawn biex jgħixu hawn għal dejjem, oħrajn biex jinnegozjaw, waqt li oħrajn biex jagħmluha ta' ħakkiema. Illum il-Port il-Kbir hu fih innifsu attrazzjoni turistika, anke jekk m'għadniex naraw dik il-kwantità ta' bastimenti tal-gwerra li kienet iġġib attività kbira fil-port. Illum naraw vapuri ġganteski li jġorru eluf ta' turisti kull sena. Żgur li dawn it-turisti jitpaxxew hekk kif jidħlu fil-port bis-swar li jdawru l-bastiment tagħhom minn kull naħa.

(Silta addattata minn *Il-Port il-Kbir ... Ġojjell mill-isbaħ fid-dinja*, p.16, meħuda mir-rivista *Mużajk* ta' Martin Morana, Mejju 2014)

**Aqta' linja taħt Veru jew Falz skont dak li smajt.** **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Port il-Kbir ta' Malta hu meqjus bħala ġojjell mill-isbaħ fid-dinja. | Veru | Falz |
| 2. | Il-Port il-Kbir ta' Malta hu l-isbaħ port fid-dinja kollha. | Veru | Falz |
| 3. | Fil-passat, il-Port il-Kbir kien il-bieb ewlieni li minnu telqu bosta Maltin. | Veru | Falz |
| 4 | Uħud min-nies barranin li ġew jgħixu għal dejjem Malta, ġew biex jinnegozjaw. | Veru | Falz |
| 5. | Uħud minn dawk li ġew Malta ġew biex jaħkmuna. | Veru | Falz |
| 6. | Illum il-Port il-Kbir iservi ta' attrazzjoni għal ħafna turisti li jiġu Malta b'vapuri mill-aktar kbar. | Veru | Falz |
| 7. | Illum naraw ukoll bosta bastimenti tal-gwerra. | Veru | Falz |
| 8. | Fl-imgħoddi, il-gwerra kienet iġġib ħafna attività fil-Port il-Kbir. | Veru | Falz |
| 9. | Huma eluf it-turisti li ta' kull sena jidħlu fil-Port il-Kbir. | Veru | Falz |
| 10. | It-turisti li jidħlu fuq il-bastimenti fil-Port il-Kbir jindunaw li fuq naħa waħda biss tal-port hemm is-swar. | Veru | Falz |

**It-Tieni Silta: Nenu u Spira**

Ftit lil hemm mill-ħanut ta' Karmnu tal-merċa kienet toqgħod Spira flimkien ma' żewġha Nenu. Jiena niftakarahom imdaħħlin sew fiż-żmien għalkemm min ma kienx jafhom ma kienx jemmen li kienu daqshekk kbar fl-età. Spira kienet dejjem tiftaħar li hi qatt ma marret għand tabib f'għomorha imma dejjem ikkurat ruħha b'dak li tgħallmet mingħand ommha Marì li fi żmienha kienet magħrufa sew fejn tidħol il-kura ta' xi mard komuni. Imma Nenu kien ġej u sejjer għand it-tabib. Kien bniedem beżżiegħ u t-Tabib Borg kien drah sew. Imma kien jieħu paċenzja bih kif wara kollox kien jieħu paċenzja b'kulħadd fir-raħal.

Spira u Nenu kellhom ħamest itfal iżda wieħed minnhom kien miet ta' ftit xhur u skont Spira xi ħadd kien għajjenhulha. Min-naħa tiegħu lil Nenu kont nisimgħu jgħid li dak li ġara kien kollu tort ta' Spira għax flok ma ħadet lit-tarbija għand it-tabib, qagħdet tikkuraha hi u bagħtitha d-dinja l-oħra f'tebqa ta' għajn.

(Silta addattata minn *Nenu u Spira*, p.26, meħuda mill-ktieb *Mill-Gallarija* ta' Charles Casha, 2007)

## Mistoqsijiet: (10 marki)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha:
   i. Ftit 'il bogħod mill-ħanut ta' Karmnu kienu joqogħdu Spira u żewġha Nenu
      a. li ma kellhomx ulied.
      b. flimkien mas-sitt uliedhom u omm Nenu.
      ċ. flimkien mal-ħames uliedhom. (½ marka)

   ii. Spira u Nenu
      a. kienu kbar fl-età imma ma kinux jidhru.
      b. ma kinux daqstant kbar fl-età.
      ċ. kellhom bejn wieħed u ieħor erbgħin sena kull wieħed. (½ marka)

2. Għid għal min qed jirreferi t-tagħrif li hemm f'Kolonna A:

| **Kolonna A** | **Persunaġġ** |
|---|---|
| a. Dan kellu ħanut tal-merċa. | |
| b. Din kienet dejjem tiftaħar li f'għomorha qatt ma marret għand tabib. | |
| ċ. Din kienet magħrufa sew fir-raħal fejn tidħol il-kura ta' xi mard komuni. | |
| d. Dan kien bniedem beżżiegħ u t-Tabib Borg kien drah sew. | |

(2 marki)

3. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont kif smajt:

Wieħed mit-trabi ta' Spira u Nenu miet ta' ftit __________. Skont Spira xi ħadd kien għajjen lit-tarbija, imma skont Nenu, kien kollu __________ ta' martu li t-tarbija mietet. Flok ħaditha għand _______________, qagħdet _______________ hi u bagħtitha _______________ l-oħra.

(5 marki)

4. Fisser fi kliemek il-frażi "f'tebqa ta' għajn": ______________________________________.

(2 marki)

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| **IR-RABA' SENA** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **IL-ĦIN: 15-il minuta** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________________ **Il-klassi:** _______________

# Il-Karta tal-Istudenti

**L-Ewwel Silta: Il-Port il-Kbir**

**Aqta' linja taħt Veru jew Falz skont dak li smajt.** **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Port il-Kbir ta' Malta hu meqjus bħala ġojjell mill-isbaħ fid-dinja. | Veru | Falz |
| 2. | Il-Port il-Kbir ta' Malta hu l-isbaħ port fid-dinja kollha. | Veru | Falz |
| 3. | Fil-passat, il-Port il-Kbir kien il-bieb ewlieni li minnu telqu bosta Maltin. | Veru | Falz |
| 4 | Uħud min-nies barranin li ġew jgħixu għal dejjem Malta, ġew biex jinnegozjaw. | Veru | Falz |
| 5. | Uħud minn dawk li ġew Malta ġew biex jaħkmuna. | Veru | Falz |
| 6. | Illum il-Port il-Kbir iservi ta' attrazzjoni għal ħafna turisti li jiġu Malta b'vapuri mill-aktar kbar. | Veru | Falz |
| 7. | Illum naraw ukoll bosta bastimenti tal-gwerra. | Veru | Falz |
| 8. | Fl-imgħoddi, il-gwerra kienet iġġib ħafna attività fil-Port il-Kbir. | Veru | Falz |
| 9. | Huma eluf it-turisti li ta' kull sena jidħlu fil-Port il-Kbir. | Veru | Falz |
| 10. | It-turisti li jidħlu fuq il-bastimenti fil-Port il-Kbir jindunaw li fuq naħa waħda biss tal-port, hemm is-swar. | Veru | Falz |

**It-Tieni Silta: Nenu u Spira**

## Mistoqsijiet: **(10 marki)**

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha:

   i. Ftit 'il bogħod mill-ħanut ta' Karmnu kienu joqogħdu Spira u żewġha Nenu
      - a. li ma kellhomx ulied.
      - b. flimkien mas-sitt uliedhom u omm Nenu.
      - ċ. flimkien mal-ħames uliedhom. (½ marka)

   ii. Spira u Nenu
      - a. kienu kbar fl-età imma ma kinux jidhru.
      - b. ma kinux daqstant kbar fl-età.
      - ċ. kellhom bejn wieħed u ieħor erbgħin sena kull wieħed. (½ marka)

2. Għid għal min qed jirreferi t-tagħrif li hemm f'Kolonna A:

| Kolonna A | Persunaġġ |
|---|---|
| a. Dan kellu ħanut tal-merċa. | |
| b. Din kienet dejjem tiftaħar li f'għomorha qatt ma marret għand tabib. | |
| ċ. Din kienet magħrufa sew fir-raħal fejn tidħol il-kura ta' xi mard komuni. | |
| d. Dan kien bniedem beżżiegħ u t-Tabib Borg kien drah sew. | |

(2 marki)

3. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont kif smajt:

Wieħed mit-trabi ta' Spira u Nenu miet ta' ftit __________. Skont Spira xi ħadd kien għajjen lit-tarbija, imma skont Nenu, kien kollu __________ ta' martu li t-tarbija mietet. Flok ħaditha għand _______________, qagħdet _______________ hi u bagħtitha _______________ l-oħra. (5 marki)

4. Fisser fi kliemek il-frażi "f'tebqa ta' għajn": ________________________________________.

(2 marki)

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

| IR-RABA' SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: ____________**

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| Il-MARKI | | | |
|---|---|---|---|
| | **It-Taħdit** | **20** | |
| | **Is-Smigħ** | **20** | |
| | **Ix-Xogħol Tul is-Sena** | **10** | |
| | **Il-Qari u l-Kitba** | **50** | |
| | **IT-TOTAL** | **100** | |

| **Taqsima** | **1A** | **1B** | **1Ċ** | **1D** | **2A** | **2B** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marka** | **8** | **8** | **5** | **14** | **8** | **7** | **50** |
| **Marka tal-Istudent/a** | | | | | | | |

**Kummenti:**

______________________________

______________________________

______________________________

## L-EWWEL TAQSIMA: IL-LINGWA (35 MARKA)

Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet wara.

# Ommi bid-dimenzja



Ftit ilu, ħabib qasam miegħi esperjenza personali li missitli qalbi. Qalli dwar l-għażiża ommu, anzjana ta' 85 sena, li mietet ftit ilu. Hu spjegali kif l-aħħar xhur u ġimgħat kienu triq diffiċli u ta' tbatija għalih u għal familtu. Ommu kellha d-dimenzja, kundizzjoni li taf tkun ferm krudili, speċjalment meta tkompli tikber u tiżviluppa fil-bniedem. Ħabibi qal li meta kien żgħir, minn dejjem xtaq relazzjoni aħjar ma' ommu, imma donnu din qatt ma seħħet. Qisu ħutu dejjem ħadu huma l-attenzjoni kollha tal-ġenituri. Kellu jkun fl-aħħar ta' ħajjitha, li bejnu u bejn ommu nħolqot relazzjoni soda. ***(par.1)***

Esperjenzi ta' weġgħat kienu meta kien joħroġ lil ommu għal xi dawra, speċjalment fil-Ħdud u l-festi. Mhux l-ewwel darba li kienu jieqfu f'xi post, u filli jkunu jitkellmu flimkien u filli ommu tinsa hu min hu. Għalih dawn il-waqtiet kienu diffiċli ferm. Li tkun ma' ommok l-għażiża u ma tagħrfekx, żgur mhix ċajta! Iżda fl-istess waqt, dan il-ħabib stqarr li kien f'dawn il-jiem, l-aħħar ta' ħajjitha, meta hi fetħet qalbha ma' binha u qaltlu bla tlaqliq kemm kienet tħossha kburija bih bħala binha. Bid-dmugħ f'għajnejh dan il-ħabib qalli li l-passat iebes li kellu issa nbidel f'wieħed ta' paċi. Għalkemm ommu issa mietet, hu għandu s-sodisfazzjon li l-affarijiet bejnu u bejnha marru għall-aħjar, u dan jimlielu qalbu bil-ferħ. ***(par.2)***

Ħabibi fehem li jrid jibqa' jirrispettaha lil ommu. Fehem fuq kollox li ried jibqa' jikkomunika magħha, avolja b'mod differenti minn dak li kien imdorri bih. ***(par.3)***

(Silta addattata minn *Quddiem ġenituri anzjani bid-dimenzja*, p.39 ta' Michael Galea meħuda mir-rivista *Mużajk*, Mejju 2014)

## 1A. Fehim it-Test

___
**8 marki**

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq li għadek kemm qrajt.**

1. Kemm kellha żmien l-omm anzjana tal-ħabib tal-kittieb? ***(par.1)***

_______________________________________________(marka)

2. Minn xiex kienet tbati din il-mara anzjana? ***(par.1)***

_______________________________________________(marka)

3. Jidher li bejn il-ħabib tal-kittieb u ommu ma tantx kien hemm relazzjoni tajba meta kien żgħir. Fl-istess ħin kien hemm relazzjoni tajba bejn ommu u ħutu. X'jgħidilna dwar ħutu? ***(par.1)***

_______________________________________________(marka)

4. Il-ħabib tal-kittieb kien spiss joħroġ lil ommu fil-Ħdud u l-festi. X'kienet l-iktar ħaġa li kienet tweġġgħu lil dan ir-raġel? ***(par.2)***

_______________________________________________(marka)

5. Lejn l-aħħar ta' ħajjitha, omm il-ħabib tal-kittieb qaltlu xi ħaġa lil binha. X'qaltlu? ***(par.2)***

_______________________________________________(marka)

6. Bis-saħħa ta' dak li qalet l-omm, kif inbidel il-passat tal-ħabib tal-kittieb? ***(par.2)***

_______________________________________________(marka)

7. Il-ħabib tal-kittieb fehem żewġ affarijiet minn din l-esperjenza. Liema huma? ***(par.3)***

i. _______________________________________________ (marka)

ii. _______________________________________________ (marka)

## 1B. Il-Grammatika

___
**8 marki**

**Aqra din is-silta.**

Stefan il-pustier kien għeja jqassam l-ittri bieb bieb. Ix-xemx tas-sajf, l-aktar dik ta' nofsinhar, kienet tisreġ fuqu u ħallietu tista' tgħid bla saħħa. Iżda l-ittri kellhom jitqassmu kollha xorta waħda. Biex tagħqad, dakinhar ġiet għall-ittri rreġistrati. Għal kull waħda, kien ikollu jċempel, jistenna u meta jiftħulu, iġiegħel lil min jeħodha jiffirmalu fuq biċċa karta żgħira. Kien għoddu wasal biex jispiċċa meta, b'ittra rreġistrata f'idu, ħabbat il-bieb qadim ta' xwejjaħ bil-bastun li dan l-aħħar snin id-dawl kien naqsu qatigħ.

(Silta addattata minn *Ix-Xiħ tal-Bastun*, p. 19, meħuda mill-ktieb *Stejjer minn Tarf ir-Raħal* ta' Ġorġ Borg, 1998)

**Agħżel TMIEN mistoqsijiet minn dawn li ġejjin u wieġeb lilhom biss.**

1. Mis-silta, sib **aġġettiv**. ______________________

2. Għaliex il-kelma "bieb" tinkiteb "**bieb**" u mhux "**biep**"? ______________________

3. Mis-silta sib **nom proprju**. ______________________

4. Agħti s-**singular** tan-nom "ittri". ______________________

5. Mill-ewwel linja sib **nom komuni fil-femminil**. ______________________

6. Ikteb dan **il-ħin** fi kliem: 08:30. ______________________

7. Għal min qed jirreferi l-**pronom mehmuż** "**-lu**" fil-verb "jiftħu<u>**lu**</u>"? ______________________

8. Erġa' ikteb din **is-sentenza** bil-punteġġjatura kif suppost: "*ix-xiħ fetaħ bi tbatija kbira*" ______________________

9. X'inhu l-**għadd imtenni** tan-nom "biċċa"? ______________________

10. Flok "Anna marret il-Belt" nista' ngħid "Hi marret il-Belt". X'nista' ngħid **f'kelma waħda** flok "*Stefan il-pustier*"? ______________________

## 1Ċ. Il-Kitba l-Qasira

___
**5 marki**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA minn (i) jew (ii).**



(i) Fis-27 ta' Diċembru 2014, it-tenur internazzjonali Malti Joseph Calleja, ta kunċert mill-aqwa fit-Teatru Manoel, il-Belt Valletta bħala parti mill-attivitajiet b'rabta mal-Festival tal-Barokk 2014. Bosta kienu dawk in-nies li marru jaraw dan il-kunċert u kollha kienu sodisfatti.

Ikteb rapport ta' bejn **50 u 70 kelma** dwar dan il-kunċert.

Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk biex tikteb ir-rapport: *Meta sar? Fejn sar? Kemm marru nies jarawh? X'tip ta' kanzunetti tkantaw? X'qalu n-nies? Kemm dam għaddej il-kunċert?*

**JEW**



(ii) Fit-23 ta' Novembru 2014 li għadda, saret il-ġirja tal-President biex jinġabru l-flus għall-*Community Chest Fund*. L-attività kienet suċċess kbir.

Ikteb rapport ta' madwar **50 u 70 kelma** dwar dan l-avveniment.

Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk biex tikteb ir-rapport: *Min seta' jieħu sehem? Kemm ħadu sehem nies fiha? Kemm inġabru flus? Minn fejn bdiet il-ġirja u fejn intemmet? Kulħadd kellu bilfors jiġri jew kien hemm min mexa minflok? X'sar wara li spiċċat il-ġirja?*

**1D. Il-Komponiment**

___
**14-il marka**

**Ikteb bejn 180 u 200 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti fuq karta separata. (12-il marka)**

1. Taqbel li s-subien u l-bniet għandhom imorru fl-istess skola meta jkunu fis-sekondarja jew aħjar li jibqgħu jmorru fi skejjel separati, jiġifieri s-subien għalihom u l-bniet għalihom?
2. "Kienet ġurnata xemxija u sabiħa fis-sajf. Dakinhar iddeċidejt li noħroġ passiġġata waħdi u mmur nimxi fil-kampanja fejn ikun hemm arja safja u pura." Kompli din l-istorja.
3. Immaġinak qiegħed fuq tal-linja sejjer taqbad il-vapur għal Malta/Għawdex. Tul il-vjaġġ telgħu bosta nies differenti. Agħżel tlieta minnhom u ddeskrivi x'kellhom magħhom u x'għamlu speċjali li laqtek. Importanti li l-passiġġieri li tagħżel ikunu għalkollox differenti minn xulxin.

**Uża dan l-ispazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek.** **(2 marki)**

## IT-TIENI TAQSIMA: IL-LETTERATURA (15-IL MARKA)

### 2A. Ir-Referenza għall-Kuntest: Il-Poeżija (*Bejn Ħaltejn*)

___ 8 marki

Aqra sewwa din il-poeżija *Quo Vadis* ta’ Rużar Briffa u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

Waħidha,
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta’ ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

... U taħseb:
kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?
Fejn huma l-għeruq?
Qatt lilhom ma trażżan il-bewsa tar-riħ?
Qatt lilhom ma tlajjem is-sħana tax-xemx?
Għaliex ftit mistrieħ
għalihom ma hemmx,
u l-lehma biss tagħhom
il-ħajja tas-suq?

## Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fuq il-poeżija.

1. Matul l-ewwel strofa niltaqgħu ma’ “ħarruba”. Fi kliemek, semmi żewġ affarijiet differenti mill-ewwel strofa li jiddiskrivu din il-ħarruba.

   i. ______________________________ (marka)

   ii. ______________________________ (marka)

2. Fit-tieni strofa ta’ din il-poeżija, niltaqgħu mal-“bnedmin”. Fi kliemek, semmi żewġ affarijiet differenti li nsibu fit-tieni strofa u jiddiskrivu lill-bnedmin.

   i. ______________________________________________ (marka)

   ii. ______________________________________________ (marka)

3. Liema vers fil-poeżija jurina l-ħarruba bħala bniedem? Agħti n-numru tal-vers.

   vers: _____ (marka)

4. Mill-poeżija sib u ikteb eżempju ta’:

   i. “mistoqsija rettorika”: ______________________________ (marka)

   ii. “enjambament”: ______________________________ (marka)

5. Agħżel it-tajba billi taqta’ linja taħtha:

   (a) Il-poeta juża żewġ strofi b’versi u rima regolari.

   (b) Il-poeta juża żewġ strofi b’versi ħielsa, b’xi eżempji ta’ rima mbewsa. (marka)



| **2B. Ir-Rumanzett (*Il-Ħarsa ta' Rużann*)** | ___ 7 marki |
|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| **PIETRU** | **MARK ANTONIN** | **SALVINA** | **ĠINA** |
| **MARIJA** | **RUŻANN** | **KARMENU** | |

**Mill-kaxxi ta' hawn fuq, agħżel il-karattru li jaqbel mad-deskrizzjoni u iktbu fil-vojt.**

| | Deskrizzjoni | Isem il-karattru |
|---|---|---|
| 1. | Bidwija minn Ħad-Dingli li meta kienet għadha xebba ħabbet bi mħabba tal-ġenn it-tifel tas-sid tar-raba' tagħhom, il-Baruni x-Xiħ. | |
| 2. | Twieled f'familja nobbli u kien iħobb isiefer ta' spiss lejn bliet kbar Ewropej. Kien jaħsibha b'mod differenti minn missieru u dan kien joħloq xi ftit tat-tensjoni. Imma lil missieru kien iħobbu u jirrispettah. | |
| 3. | Rabbietu ommu għax missieru ma kienx jafu. Iżżewweġ mara bieżla u minnha kellu disat itfal, għalkemm tlieta minnhom mitulu. Darba waħda, ħebbu għalih il-ħallelin ta' Xuxana u serqu r-razzett tiegħu. | |
| 4. | Din kienet il-kbira fost ħutha u għalkemm riedu jgħallmuha l-iskola, hi ma reditx taf biha. Spiċċat taħdem bħala seftura. Ħabbet u żżewġet lil Wenzu tal-ħaxix. | |
| 5. | Dan kellu l-istess ħarsa ta' Rużann f'għajnejh. Trabba f'ħanut tal-inbid iżda ommu riditu jitgħallem l-iskola. Fil-fatt laħaq għalliem fi skola tal-Gvern u aktar tard surmast. | |
| 6. | Xebba sinċiera, ħanina u għaqlija li kienet tgħix ma' ommha u ma' ħuha. Missierha kien miet. Laħqet għalliema u żżewġet għalliem ieħor bħalha. | |
| 7. | Il-ġenituri tagħha t-tnejn kienu għalliema. Minn mindu kienet għadha tifla żgħira, kienet tħobb tpitter. Wara li żżewġet, romlot kmieni u ħadmet bil-bosta biex in-nisa jingħataw ir-rispett li jixirqilhom fis-soċjetà. | |

**Tmiem il-Karta**